IT-TIELET KTIEB
TAL-ĦAMES SENA

SETTEMBRU
1929

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti — Il-Malti u l-Ilsien Għarbi ta' Xahrur (T. Z.) — Alla mhux hekk! (Dun Karm) — Stedina f'raħal (A. C.) — Il-Kokka u l-bies (V.M.B.) — Sintassi Maltija (A. C.) — Il-Mitħa tar-riħ (T. Z.) — Bħal Sokrate (Ġużè Bonnici) — Serħan (B.M.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1929

## IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI —

### XI JEDD U XI DMIR

Wara l-ħarġa ta' l aħħar numru ta' "IL-MALTI" waslilna xi ferħ, m'hux biss minn Malta, iżda wkoll minn barra, għaliex b'dak in-numru "IL-MALTI" daħal fil-ħames sena ta' ħajtu.

Nistħajjel igħidu xi wħud: "Kmieni bdew bil-ferħ! Ħajja ta' erba' snin u bidu ta' ħamsa ma fihomx x'tifraħ."

Hekk hu, f'xi pajjiżi fejn il-ħajja tal-għaqdiet letterari jitkejlu bil-ħamsinijiet u bil-mijiet tas-snin, ħajja ta' ħames snin qasira bosta u dak il-ferħ ma jħsser xejn: iżda hawn Malta, fejn l-ebda għaqda li twaqqfet biex tifli, tifhem, torqom u tħaddem il-Lsien Malti ma żammet aktar minn sena jew tnejn, dak il-ferħ isarraf, u jsarraf ħafna.

Għaliex, la darba l "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tawlet aktar minn ta' qbilha kollha, u għadha sejra qawwija, għandna nifhmu li s-sisien li fuqhom inbniet huma xi daqsxejn aħjar minn ta' l-oħrajn, u l-materjal

li ntagħżel għall-bini tagħha hu tajjeb ukoll. Jati xhieda ta' dan "Il-Malti" li hu milqugħ tajjeb, jekk mhux minn kul-ħadd għallinqas minn dawk kollha li fil-partita jifhmu xi ħaġa, u li ma għandhomx xi raġuni barranija biex iħarsu lejh biċ-ċiera.

Din il-Għaqda, għaldaqshekk, il-lum rabbiet bħal jedd li tibqa', u dan il-jedd iġib miegħu jedd ieħor, li il-kelma tagħha tkun mismugħa. Dan ma jfisserx illi kull ma qalet il-Għaqda ma jista' jmerih ħadd, anqas ma jfisser li aħna tal-Għaqda ma nistgħux nitqarrqu fil-fehmiet tagħna u jkollna għada, pitgħada, inbiddlu dak li għidna u ktibna; le, ifisser illi fil-kwistjonijiet fuq il-lsien malti—l-iżjed fuq l-Ortografija tiegħu—il-kelma tal-Għaqda għandha tkun milqugħa bħala kelma maħsuba, bħala kelma li tiżen, u li dak li qatgħet u għamlet sa issa l-Għaqda ma għandux jaqa' jew jitbiddel addoċċ, iżda biss bil-ftehim tagħha jew ma' l-Awtoritajiet tal-Pajjiż, jew ma' awtoritajiet letterari magħrufa.

Iżda jekk il-jedd li rabbiet il-Għaqda li tibqa', iġib miegħu li kelmitha tkun mismugħa, iġib minn naħa l-oħra d-dmir ta' kull wieħed mill-membri li jagħmel kemm jista' biex il-Għaqda titwettaq, tissaħħaħ u tikber u mhux tibqa' mdendla minn ħarira bejn ħajja u mewt. Dan jitolbu l-ġieħ tal-Għaqda u l-ġieħ ta' Pajjiżna: għaliex jekk din il-Għaqda, wara ħajja ta' ħames snin, tibda tħoss, tixxaqqaq, tiġġarraf, kullħadd ikun jista' jgħid jew li min bnieha ma għarafx jirfidha tajjeb, u dan jagħmel għajb lilna tal-Għaqda, jew l-art li fuqha inbniet, taħlija u minn qaddîsha ma tiflaħx bini ta' din is-sura; u dan jagħmel għajb lil Malta kollha.

# IL-MALTI U L-LSIEN GĦARBI TA' XAHRUR

Jekk wieħed jiftaħ fommu f'ġemgħa ħbieb u jfettillu isemmi l-lsien malti u x'jingħad fuq in-nisel tiegħu, erbgħa, ħamsa jaqbżu minnufih u jgħidu tagħhom bħalkieku ridt taf kemm jagħmlu erbgħa u erbgħa. Wieħed isemmilek ħamsin kelma għarbija li taqbel mal-Malti, u minn dan jiġbed li il-malti ġej mill-għarbi, ieħor jurik għoxrin kelma minn ktieb Ihudi (Ebrajk) u jaħliflek li l-malti ġej mill-ebrajk; ieħor jurik ġabra ta' kliem feniċju u jaqta' rasu li l-malti m'hux ħlief Feniċju: mita tiġbor kull ma ntqal, issib li taf anqas milli kont taf qabel.

Għax jekk wieħed jaħsibha sewwa jsib li l-kliem ma jagħmilx ilsien ta' ġemgħa nies. Kullħadd jaf li hemm mijiet ta' kliem franċiżi fl-ingliż, imma ħadd ma ħaseb igħid li l-ingliż ġej mill-franċiż, għax il-lsien jingħaraf u jinħatar minn ieħor minn kif jindamm il-kliem, ġej mnejn ġej. Kif wieħed jaħseb, kif idawwar il-kelma, kif jorbotha mal-oħra, iġagħal ilsien jitbiegħed jew jersaq lejn ieħor. U mbagħad il-lsien ta' ġemgħa nies hu l-ġabra ta' għajdud, ta' ħsibijiet imtennija għal eluf ta' snin, ta' kliem magħġun, imtawwal u mnaqqas u mgħawweġ li maż-żmien sar lewn wieħed u dawk li jitkellmuh jifmuh bla ma jaħsbu, bla ma jafu l-għala, bħal mita nieklu, u nimxu u nieħdu n-nifs. U b'dan kollu ssib min jaqta' li l-lsien ġej minn ieħor b'ħeffa li ma bħala bħallikieku ħaġa raha ssir quddiem għajneih.

Nieħdu l-għarbi li bosta nies jitkellmu fuqu. Mita għedt għarbi tkun għadek ma għedt xejn, għax il-għarbi li nafu mhux maħluq darba u seħħ bla qatt ma tbiddel. Hemm il-għarbi tas-Sirja, tal-Eġittu (Masr), ta' Tripli, ta' Tunes, tal-Arġiel, tal-Marokk, li għad li hu għarbi ma jaqbilx ma' ta' band'oħra, ħafna kliem jaqbel imma l-ħoss tal-kelma, is-sensiela tagħha, il-għaqda tal-kliem midmum, jatu flimkien bixla lil-lsien li jbiegħdu għal-kollox minn sħabu. L-ilsna għarbin tal-lum imnissla minn dak il-għarbi qadim tal-Arabja, art niexfa u xagħrija li qabel id-dilluvju kienet tħaddar u mżegħda bin-nies u bil-bhejjem. Mita s-silġ li kien igħatti aktar min-nofs l-Ewropa, xi ħamsin elf sena ilu, beda' jonqos, ix-xita li kellha l-Arabja naqset ukoll u l-art nixfet u l-mergħa sfat fix-xejn u n-nies bdiet titlaq lejn l-aħdar biex tira' l-bhejjem u ma tmutx bil-ġuħ. Laħqu l-bliet ta' Ur u ta'

Eridu fil-Babilonja u mxew lejn Qanagħn u lejn is-Sirja u bħal Aramej u Sirjani xterdu fil-Masr (Eġittu) u fl-Affrika ta' fuq. Bil-għarbi qadim li kienu jitkellmu, nisslu kullimkien il-lsien Xami (Semitiku) li mal-mixi tan-nies tbiddel fis-sura mal-ħtieġa tal-ħajja, mal-ħakk mal-barranin. F'xi seba' mitt sena wara Kristu mit-truf ix-xagħri tal-Arabja saret l-aħħar ħarġa tal-Għarab li laħqu l-Masr, l-Affrika u fl-Ewropa, waslu sa Spanja, Franza, Sqallija u min-naħa l-oħra xterdu fil-Fars (Persja) u fl-Indja.

Hekk xtered il-lsien Xami fil-mijiet ta' snin u nissel mitt djalett, frieghi kollha ta' omm waħda, rimi ta' zokk qawwi li kull fejn tħawwel nawwar u tammar bla qatt ma tħassar jew tilef il-ħkim ta' qabilu. Għalhekk, naħseb jien, jekk minn jaħseb li l-malti ġej mill-għarbi u f'moħħu jkollu l-għarbi ewlieni tal-Arabja ma jkunx jarra wisq; dnub li min isemmi l-għarbi aktarx ikollu f'għajnejh il-għarbi tas-Saraċini ta' elfejn sena ilu u hawn jibda t-tfixkil.

Il-malti eqdem mil-lsien tas-Saraċini u jixbaħ l-aktar lil-ewwel frieghi li tnisslu fis-Sirja. Biss niftakru li aħna għexna dejjem f'art żgħira maqtugħa mid-dinja mita ħadd-ieħor meraħ f'artijiet kbar, qalb l-iġbla, ma' tul xmajjar u mabħra u rebħu ġnus u ġew mirbuħa, għax kollox idur fuq l-ilsien li kull jum jirbaħ kliem ġodda u jitlef oħrajn qodma.

Xtaqt nuri kemm il-malti jixbaħ xi ilsna tas-Sirja u l-aktar ta' dik ir-roqgħa art tad-Drusi msejħa l-Libanu (Ġebel Libnan). Hemm igħixu mal-ħamsin elf ruħ bejn misilmin u nsara, li jitkellmu l-Għarbi bħal tas-Sirja. Fost dawn hemm raħal imsejjaħ *Xahrur* (Wadi-Xahrur) jew *Harat it-Tin* fejn igħixu mal-erbât elef ruħ kollha nsara li qajla jitħalltu mad-Drusi l-oħra u li jgħożżu d-drawwiet tagħhom u lsien missirijiethom. Ġiè f'idejja ktieb miktub minn wieħed minnhom, Monsinjur Fegħali (*Syntaxe des parlers Arabes actuels du Liban par* MGR. MICHEL FEGHALI—*Paris, Imprimerie Nationale* 1928)u kitba oħra (*Testes Arabes de Wadi Chahrur* (*Liban*) *par* MICHEL ET ABDOU FEGHALI—*Extrait du Journal Asiatique* (*Jan-Mars 1927*) meħuda minn fomm in-nies ta' hemm bla ebda tiżjin u żjieda, mhux kitba ta' minn jaf li-skola, kliem tal-bdiewa u nies tax-xogħol li ma jaħsbux kif jitkellmu iżda jitkellmu kif jaħsbu.

Hekk laqtitni dil-kitba bħala tixxiebaħ lill-malti, li ħsibt inġibha hawn biex jara kullħadd kemm jitkellmu bħalna dawk in-nies.

Għamilt numri, biex wieħed jista' jimxi, biex ingħid hekk kelma b'kelma, hekk fil-għarbi tagħhom, kemm ukoll bil-malti u bil-franċiż, meħud mix-xogħol ta' Fegħali, għax minn tiegħi ma hemmx ħlief il-malti.

[*Għarbi ta' Xahrur.*

AĦBAR FUQ IL-ĦASIL

1. Nġibu lirmidiet mill marmad li ħadd il forn
2. u ħattejnihom fis-saffut tal-fuħħar li għandu ħmistax il-widna
3. xelna il mwait erraiqa leddest u seħħanna u xegħelna
4. saħnet il mawai għal qxàqix u ex-xrarit menxur men hwala el bait w enxagħelom
5. Waqt illi letentf in-nar mnekdah bel kaddaha w essu-fana ma għadx fi kaxx nar
6. w menhett is-sufana għal kembla illi tiexgħel qawan.
7. naqqejna tyab el bid b-emħall el ewwel w hassalna
8. men bagħad ma ħaslu tyab el bid rġagħna ħessalna tyab ex-xit.
9. mnergħi al katgħa haike u mensur nemgħaka ta tendaf, zumain-ettlata.
10. w men hattom bel għali ta-ifakfak.
11. eddest u menxilon m-nagħserom m-ennaiyeton u em-nenxeron.
12. għal maras yamma għal wad et-tin.
13. mata nexfu m-entewmon w-em-netwiyon w-m-endebbon b-es-sanduq.
14. għelli għelu għaza baddu kawi m-nekwih.
15. w-el-ħasil bikun tlat marrat be-ġimgħa.

[*Bil-Franċiż.*

HISTOIRE DE LA LESSIVE

1. Nous apportons les cendres du cendrier qui se trouve près du four
2. nous les mettons dans le baquet en argile pourvu de quinze anses.
3. nous allumons le feu et nous chauffons l'eau
4. L'eau est chauffée avec les menus bois et des chiffons trouvées autour de la maison et nous les rallumons.
5. quand le feu est étaint, au moyen de briquet — les allumettes n'existent plus.

6. en mettant l'allumette sous les feuilles de pin qui s'allume facilment.
7. nous trions le linge nous lavons en premier lieu le linge blanc.
8. et celui-ci terminé nous lavons ensuite le linge de couler.
9. nous savonnons, comme ça, chaque pièce et nous la frottons bien avec les mains
10. jusqu'au moment ou la lessiveuse bout completament en faisant glou-glou.
11. nous retirons alors le linge, nous le pressons en le tordant, nous y mettons de l'indigo (du bleu)
12. et nous l'étendons soit sur des cordes, soit sur les branches de figuier.
13. quand il est sec, nous les ramassons, le plions et le serrons dans la caisse (bahut)
14. nous repassons le leinge qui doit être repassé
15. la lessive a lieu trois fois par semaine.

[*Bil-Malti.*

AĦBAR FUQ IL-ĦASIL

1. Nġibu l-irmied mill-marmad ħada l-forn
2. u nitfgħuhom fil-konka tal-fuħħar li għandha ħmistax-il-widna.
3. insaħħnu u nixegħlu wara li nsaffu l-ilma
4. insaħħnu l-ilma bil-laqx u biċ-ċraret mxewlħa 'l hawn u 'l hinn ma' dwar id-dar u nixegħluhom.
5. waqt li n-nar jintefa ninqdew bil-qeddala (lixka) jew bis-suffarini—li issa ma għandniex għan-nar.
6. u nressaq issuffarina lejn il-qabda laqx (kembla) li tixgħel tajjeb.
7. l-ewwel innaqqu l-ħwejjeġ bojjod u naħsluhom
8. wara li naħslu tajjeb l-abjad naħslu l-kulur (xajt)
9. nirgħi l-bċejjeċ hekk, u nogħroqhom sa jindafu, darbtejn-tlieta.
10. nitfaħhom jagħlu u jbaqbqu
11. niġborhom, nagħsarhom u natihom in-nil (blu) u nonxorhom
12. fuq il-ħabel jew fuq il-friegħi tat-tin.
13. mita jinxfu niġborhom u nitwihom u nqegħdhom fis-senduq.
14. dawk li għandhom jitgħaddew ingħadduhom
15. il-ħasil isir tliet darbiet fil-ġimgħa.

## TIFSIR

1. rmied—rmidijiet; marmad—fejn jintrafa l-irmied.
2. saffut—fejn jissaffa l-ilma tal-lissija; ħattejnihom—tfajnihom—tħott—titfa' l-isfel.
4. qxaqix—laqx, tqaxxir tas-siġar; xrarit—ċraret, minn ċarrat, iċarrat; l-bait—id-dar, il-bejt.
5. is-sufana ma għandax—is-suffarini fi żmien il-gwerra ma kinux jidhru.
6. qembla—qabda laqx; tixgħel qawan—tixgħel tajjeb, qawwi.
7. neqqaina—tnaqqi, tagħżel; l-abjad—il-ħwejjeġ bojjod.
8. ex-xit—ħwejjeġ tal-lewn, tal-kulur.
9. m-nergħi — nirgħi, nissapna; ħaike— hekk, turi kif togħroq; zumain-etlata—darbtejn-tlieta.
10. ħottom bil-għali—ngħallihom.
11. an-naiyeton—niżboħhom, natihom in-nil (il-blu)
12. għal wad it-tin—fuq il-għowwied, il-friegħi tat-tin; maras—ħabel.
14. Kawi—nekwih, tikwi l-ħadida biex tgħaddi; nikwihom—ngħaddihom bil-ħadid mikwi.
15. marra—darba; tliet marrat, tliet darbiet.

Mhux xogħol dan li jatik x'taħseb?

T. Z.

# ALLA MHUX HEKK!

Ħaseb fit-tûl u tafa' għaqlu kollu
Pittur magħruf biex jixħet fuq it-tila
il-ħsieb li kellu f'moħħu.
Seraq il-lwien mill-warda,
mill-vjola, mil-lelluxa
u ħelu ħelu
taħt il-pinzell it-tila ntliet bid-dija
u hemm dehret ix-xemx ħamra tittawwal
minn bejn xi sħab tad-deh'b, minn bejn ix-xuxa
ħadra tas-siġar, u fuq l-ilma ġieri
tefgħet bħal għabra ta' rubini w ġawhar.

In-nies ratu w istagħġbet:
għaddew is-snin u hemm għadha tinġabar
in-nies biex tara w tifli
kif ġiet il-ħajja b'dik id-daħka tagħha
minn daqxejn ta' pinzell fuq tila smajra.

* * *

Kien qrib inżul ix-xemx, u mill-quċċata
tal-Wardija ħarist ħarsa ma' dwari.
Kien hemm fis-sema sajfi
bħal raxx irqiq jittajjar
ta' deh'b maħlul u ta' topazi mfarrka,
u djar u raba' w siġar
kollox imħeġġeġ taħt il-bewsa ħamra
tax-xemx kbira w ħanina:
fuq il-baħar
f'rogħda ta' ferħ u mħabba
mifruxa trîq sa fejn twassal il-ħarsa
miżgħuda b'ward tan-nar jilgħab mal-fewġa...
Saħħritni d-dehra!
dehra maħruba li minn ħin għal ieħor
titbiddel taħt għajnejk u tgħaddi ħiemda
minn lewn għal lewn, minn ġmiel għal ġmiel, minn sura
għal sura, u dejjem ħelwa
li tgħaxxqek, tisirqek, iżżommok
hemmekk imsaħħar, sa ma tfur minn qalbek
mewġet il-hena fi tbissima w leħen.

* * *

U ħsibt: Oh kemm hu ċkejken
il-kobor tal-bnedmin, u kemm hi fqira
is-sengħa ta' min jaf iħalli ħsiebu
maħżuż fuq xiber xkora!
ngħożżu tajjeb it-tila
fejn ta' pittur il-għaqal
xeħet il-qawwa ta' sengħetu kollha
biex pinġa nżul ta' xemx li qatt ma tinżel;
ngħożżuha tajjeb,
għax jekk iż-żmien itemmha,
ma nafux jekk iż-żmien jatiniex oħra.
Alla mhux hekk: minn dawk l-egħġubijiet
jagħmel mija kull jum u mija jħassar.

**Dun Karm.**

# STEDINA F'RAHAL

*(Jaqbad man-Numru ta' qabel, paġ: 52)*

Ġorġ kien ilu fis-sodda nofs siegħa wara li telaq mill-ħanut ta' Xandra.. jaqra l-gazzetta għad-dawl tal-lampa, f'ħemda ta' lejl miksura biss mill-ħsejjes tal-baħar jitbewwes maċ-ċagħak tar-ramla... Is-sur Viċenz daħal qablu u kien għadu bid-dawl.—"Dal bniedem, beda jaħseb, xitwa u sajf hawn isfel waħdu... għandi wens bih." --

Is-sur Viċenz, raġel imdaħħal fiż-żmien, ftit jew xejn kien jidher il-belt u kien ilu li telaq in-negozju. Kellu maħżen ix-xatt. Hemm isfel kellu daru ħdejn ta' Ġorġ. Ġorġ b'dan il-ħsieb għajnu marret bih u ħolom bil-lozzu, bil-għalf tal-mazzamorra, bit-tlikkim u mess ta' muletti u sparli... bil-passa ta' gamiem, bil-għana ta' għasafar taż-żebbuġ u ta' pitirrossi u fl-aħħar bil-ġiri ta' klieb jinbħu u kalb iż-żara' ġejjin b'gamiema f'ħalqhom... Ġorġ tqalleb, medd idu għal ħalq ta' wieħed mill-klieb... fetaħ għajnejh... kien għadu bil-gazzetta f'idu... il-lampa kienet tnemnen u raġa' raqad.

*  *  *

Ġorġ fetaħ għajnejh mal-lewwel żerniq tal-għodwa,—imqajjem mit-tpespis tal-agħsafar u mill-agħjat tal-frieħ u ta' ommhom li sebħet dieħla u ħierġa fil-bejta ta' fuq rasu. Id-dawl tax-xemx kien beda jraxxax x'ħin għadda mit-trîq tax-xtajta fejn fuq il-blat xi sajjieda kienu qegħdin iferrxu l-ixbiek u fil-menqa oħrajn iħottu n-nases u l-għażel mid-dgħajjes u jimlew il-kvievet bil-ħut. Qabad it-trîq tal-għolja, jitgħaxxaq bil-ħdura tal-furrajna u bin-nwar tas-silla tal-egħlieqi u b'xi ħmiemel 'l hawn u 'l hinn fir-raba' ta' xi razzett bis-sienja f'qiegħ il-wied... xi mara b'maktur abjad madwar rasha kienet tonqox il-wiċċ u xi bidwi l-bogħod minnha iżarma l-bhima. Għalkemm x'ħin laħaq tarf il-għolja u sab ruħu fil-bidu tar-raħal ix-xemx kienet telgħet ġmielha, ebda ħoss ta' maħluq ma kien jinsama' ħlief il-għana ta' xi għasfur jittajjar minn fuq siġra għal oħra u l-inbîħ ta' xi kelb ta' Barbarija li mal-ħoss tal-passi tarah jaqbeż u jħebb ma' xifer il-bejt ta' xi razzett.

Ġorġ wasal fil-misraħ tar-raħal mita l-arloġġ tal-knisja kien juri li huma dwar it-tmienja. F'għomru kollu ma ftakarx li qatt mar f'dak ir-raħal ħlief darba f'żgħoritu. Saqsa

għall-Manifku tar-raħal, bin is-Sindku, lill-ewwel mara li kienet sejra timla l-ilma b'qannata minn fuq il-għajn... Xi xbejba li kienet dieħla d-dar beqgħet tħares lejh fuq il-għatba bil-ħabel tal-lukkett tal-bieb f'idha,—xi mara bexqet il-bieb u beqgħet b'wiċċha moħbi tissajja: tfal ħafjin daru ma' dwaru u kullħadd irid iwasslu u jurih il-bieb tal-Manifku għaliex ma għadux joqgħod fejn kien, għaliex mar fi trîq oħra fid-dar li bena ġdida ma' ħuh Dun Kustanz.

Id-dar ta' Ġann-Karl kien fiha daqqa ta' għajn. Ġebel ġdid maqtugħ il-bieraħ: għatba tar-rħam, kolonni, waħda kull ġenb tal-bieb, aperturi ggwarniċati, injam ta' twieqi u gallerijiet miżbugħ aħdar igħajjat... saljaturi bl-isbaħ lavur, u bieb tal-injam aħmar b'żewġ battalli tal-bronz.

Ġorġ ħabbat il-bieb. Għall-ewwel ebda ħoss. Mat-tieni taħbita ġiri ta' passi 'l fuq u 'l isfel, tisbit ta' bibien, ċekċik ta' platti mill-isprall tal-kantina,... inbagħad ħemda... tpespis... kliem donnu fil-widnejn... Wara ftit il-kampiena talantiporta, inbagħad infetaħ il-bieb u dehret mara bil-maktur ma' għonqha msallab fuq sidirha, taqfel komma waħda tal-ġlekk u tniżżel l-oħra li kienet għadha mxammra.

—"Il-Manifku Ġann-Karl? qaluli li jokgħod hawn"... staqsa Ġorġ.

Mingħajr ma wiġbitu ħlief b'daqqa ċkejkna ta' għajn u b'fawra ta' wiċċ kollu mistur, fetħet il-bieb tal-kamra laterali, imxiet quddiem, dawret wiċċha u bla kliem xejn urietu siġġu u daħlet tiġri 'l ġewwa, issejjaħ b'leħen ħiemed: "Sinjura Karolin... dac is-sinjur tal-belt... st... st..." Inbagħad ħafna ġiri u tisbit ta' bibien.

Ġorġ, wara mixja bħal dik għar-rîq, għar-rîq, mingħajr ma ħasibha darbtejn serraħ minnufih, inbagħad qagħad jifli b'għajnejh dak id-daqxejn ta' studju jew uffiċċju tal-ħabib tiegħu Ġann-Karl. Stenna li f'dar ġdida bħal dik kellu jidħol ġewwa xi diwan ta' sultan. Mejda qadima tal-abjad miżbugħa bl-iswed u fuqha skrivanija, klamar taċ-ċomp u żewġ pinen tar-rix imħawlin fit-toqob ta' madwar fommu, bott tal-landa msaddad tar-rina, karti tal-massu qodma mħarbxin, għoli ta' nofs pied b'biċċa rħama fuqhom, ġenb ieħor xi żewġ kotba kbar bil-qoxra tal-parċmina u fuqhom pipa bil-qasba twila. Wara l-mejda pultruna qadima tal-abjad, ukoll miżbugħa iswed. Ma' ħajt, fil-ġenb, kanapè tal-injam miżbugħ iswed, bid-dahar u d-dirgħajn indurati weraq,—qadim u msewwes,—u b'mitraħ u mħaded miksijin bi drapp aħmar, mtabba' billinka u b'xi tiċrita 'l hawn u 'l hinn li turi l-inforra tal-mitraħ

magħmul mix-xoqqa tal-ixkejjer. Xi siġġu kbir bil-maqgħad tas-sogħda. Librerija wkoll tal-abjad miżbugħa lewn aħmar dagħmi, b'xi ħġieġa miksura u bi ftit kotba tal-liġi u tal-knisja; fl-aħħar xkaffa, bottijiet tal-landa b'karti mitnija, flixkun bil-pretkuni, ċinturin bl-iskrateċ u ħafna skrateċ vojta. Mal-ħajt tal-faċċata, kwadru tat-tila kbir bix-xbieha ta' raġel xiħ bil-baffi u b'par pullakkuni ma' għonqu. Taħt dan il-kwadru, 'l isfel wara id-dahar, il-pultruna tal-iskrivanija, ma' kull ġenb kwadru bil-kitba fih. Ġorġ qam, tawwal għonqu... waħda kienet id-diploma ta' Nutar ta' Ġann-Karl Xriħa fl-1868 bil-firma tat-Tabib Saver Schembri, u l-ieħor id-degriet ta' Sindku ta' missieru Natal fi żmien il-Gvernatur Le Marchant, fis-sena 1858. Bil-kemm sata' jaqra għax il-ħġieġa kienet kollha ħmieġ tad-dubbien. Huwa u jdawwar wiċċu biex jarġa' joqgħod lemaħ mar-rokna suttana ħadra mdendla, kappell trespikos aħdar ucoll, ombrella lewn qamħi u ħdejhom mal-ħajt xkubetta biċ-ċurniena u fil-waqt li raġa' qagħad bil-qiegħda tifel ta' xi tliet snîn bil-qmis, għonqu imċappas bil-kafè, xufftejh u wiċċu mdellkin, f'idu qarmeċ u erba' rixiet tat-tiġieġ, jittawwal mill-bieb li jati għall-kmamar ta' ġewwa, joħroġ ilsienu u jgħajbu, jidħak u jarġa' jidħol jiġri......

Wara ftit dehret bħal îd ta' mara taħtaf lit-tifel, titfgħu 'l ġewwa u dan iwerżaq... inbagħad tisbît ta' bibien u għajât ta' : "Saħta, milgħun"... inbagħad l-istess îd ta' mara tixxab-bat minn wara l-koxxa tal-bieb u tiġbor peduna u żewġ żraben minn ma' ħdejn is-soll. Fl-aħħar deher Ġann-Karl : biċċa ta' raġel mogħla stwiel, xagħar mqanfed, ħuġbejn ħoxnin fuq għajnejn suwed kbar, par baffi qosra, sidrijja miftuħa fuq qmis kaħla tal-insiġ, marbut minn qaddu b'qafla bajda u b'qalziet oħxon tan-newl lewn isfar ikkisksat bl-iswed. Fetaħ ħalqu u dirgħajh : "X'minnek...... kemm ili ma narak... u fl-aħħar ġejt, u fl-aħħar, wara kemm-il-sena kelli nara l-wiċċek .. minn dak iż-żmien ħadna s-sieħba, tgħammarna bi tlitt itfal...

Jagħmel Hu!... U int, kif int? Bqajt dejjem waħdek, ommok, missierek? miskin! Kien imsiefer is-Swejz...... ħalliekom ukoll... eh! wieħed wara l-ieħor... Jiena ngħbart ma' ħija Dun Kustanz, ma kellu 'l ħadd,... ix-xîħa mietet, Grezz is-seftura ukoll, xi trid tagħmel. U bekk... U aħna kif qegħdin ngħad-duha? Sajd, kaċċa u kotba... Imbierek int! Kemm xtaqtha din il-ħajja, imma l-professjoni ma tħallikx... ma nedhiex ħlief bil-ġnien... erba' siġar tal-larinġ u tal-lumi, xi ftit dwieli u żewġt irqajja' art bil-ħmiemel tal-ġdur. Kont għadni kif kiegħed nagħżaq is-siġar. Għad għandi idejja kollha ħamrija... Ħija medhi bil-kaċċa; wara l-quddiesa tal-Pater

Noster erħilu għall-ixkubetta... għanelli..." U hawn ta' daqqa ta' għajn ir-rokna fejn kienet is-suttana... "Kont se ngħidlek, imma l-ixkubetta f'postha... mela qiegħed fuq il-mansab... x'taqtek ilħaqtu, kont tmur miegħu... U hekk, fuq kollox xi igħidu għalina? Jien għalija ili ma nasal wasla sal-belt għomor tal-għomrijiet .. qegħdin fl-aħħar tad-dinja; inti għanelli kont sifirt... lè?... eh... għal xi xhur biss... sewwa tagħmel, fejn tista' gawdi... la mara, la tfal... jien, jaħasra, imjassar wisq"... U baqa' sejjer igħid mingħajr hedu ta' xejn, kulltant idawwar wiċċu malli jisma' lanqas ħoss, donnu jistenna lil xi ħadd... "Iva bqajt bil-kappell f'idek?". Qam, u ħadlu minn idu u poġġielu l-kappell fuq is-sofà. Ġorġ li wara li fela b'għajnejh u b'moħħu l-qoxra, u xi ftit mill-qalba ta' dik id-dar, ma tantx ħassha li għandu jerħi kappellu minn bejn idejh, u l-iktar fuq dak is-sofà. Bil-kemm ma kienx beda jimla rasu li minn fuq dak is-siġġu se' jlaqqat xi ħaġa barranija... u ħabat se' jqum.—"Oqgħod, oqgħod,"— qabeż minnufih il-Manifku, "nistħajlek ilek ġej... il-ħin għadu... inbagħad il-lum, la inti għal magħna, għaġla m'għandekx... Għidli ftit... mill-ġdid xi tgħidli?—Għax, biex ngħidlek, anqas biss m'għadni naqra xejn"... U fil-waqt li Ġorġ ħabat sejjer jatih xi ħbarijiet tal-ġurnata tfeġġ il-mara ta' Ġann-Karl, wiċċ ta' ħawħa, mimlija, imma daqxejn waħda botnija, liebsa ġlekk tax-xoqqa indjana biċ-ċinta tal-qadd marsusa u dublett tal-fustan geżwira,—f'idejha gabarrè, bi skutella kafè u żewġ kagħkiet kbar.—"Il-mara tiegħi... aħna tar-raħal... nistħajlek tgħidli, jiena m'iniex għar-rîq... imma qatra kafè dal-ħin, imdorri teħodha"—dlonk qabeż Ġann-Karl u qata' minn dak li kien qiegħed jistaqsih. Karolin waqfet quddiem Ġorġ mingħajr ma fetħet fommha b'dak kollu li kellha f'idejha. Ġorġ bil-qalb it-tajba ħa l-iskotella u għenha tqiegħed il-gabarrè fuq il-mejda tal-iskrivanija, Karolin sabet siġġu, qagħdet biswithom u l-ewwel ma fetħet fommha biex ġibdet minn driegħu lil żewġha wara li rat lil Ġorġ ibus l-iskutella u jarġa' jniżżilha fil-gabarrè:

—Ġann-Karl... staqsietu... is-sinjur ma jfettitx?"

—"Iskot, ħallih jagħmel hu, — wegibha,—dana qisu ta' ġewwa". Inbagħad b'ħarsa daħqanija dar fuq Ġorġ: "Għax dil-mara tiegħi, xtaqitek idduq il-kagħak tagħha. Mhux biex niftaħar, imma kagħak ħelwin bħalma taf tagħmel hi..." U hawn raġa' għall-mistoqsijiet ta' qabel.

Ġorġ bejn boqqa kafè u oħra, waqt li Karolin moħħha biex iġġagħlu jxarrab u jduq il-kagħak tagħha, qagħad ifiehmu fuq in-noqqas tax-xogħol u ta' nies qiegħda fil-Għżira,

kif il-Gvern kellu l-ħsieb jibgħat in-nies il-Barbarija, iċ-Cirinajka u l-Ġammajka u jbiddel it-tagħlim tal-poplu u jagħmel taxxa fuq il-qamħ. Semmielu t-tħambîq tal-Kunsilieri fuq in-nefqa għad-drenaġġ, kif fuq dil-ħaġa ngħażlu Kunsilieri oħra, fosthom Cachia Zammit u Savona. Fuk it-tagħlim Ingliż imwaqqaf minn Savona u fuq ir-rapport li issa kien għamel ċertu Ingliż... U hawn, fil-waqt li qiegħed ipinġilu l-aħħar rewixta tal-poplu igħajjat kemm jiflaħ quddiem il-Palazz kontra t-taxxi ġodda... Karolin, li minn dak kollu ma kien joqrosha xejn, beqgħet tifli s-sura ta' wiċċ Ġorġ u ta' lbiesu: "Ġann-Karl, kabżet tgħid lil żewġha, l-ewwel libsa li taqta' agħmilha bħal tas-sinjur. Saqsih lill-ħabib tiegħek minn fejn kisbu dan id-drapp?"—Ġann-Karl ma tâx widen u mitluf u mxennaq b'kullma kien qiegħed jisma', biex ma jitlifx il-fîl, staqsa minnufih.

—"U l-Gvern x'għamel?"—

—"Ma smajtx? wieġeb Ġorġ, il-Gvernatur ħareġ fil-gallarija u qal lill-poplu li taxxi ma jsirux mingħajr il-kunsens tiegħu... u b'hekk it-taxxi ma ssemmewx iżjed".

—"Nistħajlu dal-ħabib tiegħek għandu ż-żmien ta' Stefanja", u ma laħqetx Karolin temmet il-kelma x'ħin insemgħet tinfetaħ l-antiporta u daħlet wieqfa wieqfa, b'xalletta fuq rasha, daqxejn ta' mara mogħla tlitt ixbar, b'għajnejn kbar, iżiġġu taħt nuċċali bi ħġieġ oħxon, ċiera ta' buqrajqa, bil-kotba taħt abtha u b'idejha t-tnejn ġol-but ta' fardal griż imberfel bir-rakkmu.

—"Kont għadni kif insemmik, toħroġ il-għaġeb"—qabżet minnufih Karolin.

Ġann-Karl qam u miegħu qam ukoll Ġorġ.

—"Stefanja, oħt il-mara tiegħi... majjistra tal-iskola"... U hawn Ġann-Karl fetaħ il-ktieb tal-għerf ta' Stefanja, tattrobbija tagħha fl-Abbatija, ta' mita kienet soru u ħarġet għax mardet bin-nervi, imħabba li rasha ħaddmitha mhux ftit, kemm kotba qrat, kemm tlaqlaq bit-taljan, kemm taf taħdem xogħlijiet... li għajnejk iggibhom wara widnejk... kullma jaraw għajnejha jagħmluh idejha... il-pjanu kemm taf iċċemplu... min jaf kemm riduha tgħallem fi skejjel kbar ġewwa bliet, imma hi tħobb l-arja tar-raħal... Waqt li oħtha, is-sinjura Karolin, titgħaxxaq... u tħares daqqa lejn wiċċ Ġorġ u daqqa lejn oħtha.

—"Is-sinjur mill-Belt?"—Staqsiet wieqfa wieqfa Stefanja, b'idejha dejjem fil-but, bil-kotba taħt obtha u b'għajnejha jżiġġu taħt il-lenti ħoxnin tan-nuċċali.

—"Kien jistudja miegħi"— Kabeż Ġann-Karl qabel ma ħalla 'l Ġorġ wieġeb.

—"Għall-avukat?"

—"Għall-perit", wieġeb minn taħt il-fomm Ġorġ.

—"X'kotba taqra?"

—"Kont naqra... bħal issa xejn, sinjurina, ħlief xi ġurnal u xi ktieb fuq Malta 'l hawn u 'l hinn.

—"Xi tgħidli għall-poeżiji ta' Metastasio... *Onor di questa sponda*, *Padre di Roma*, *addio*... kemm huma sbieħ... inbagħad ir-rumanz ta' Manzoni... dak l'*Addio o monti*... xi kwadri, x'pittura, tisthajlek tarahom b'għajnejk... Dnub li fl-iskejjel tal-Gvern kotba bħal dawn ma jafux bihom... u ħlief xi poeżija bħal dik ta' *La vispa Teresa*...

—"Dnub, dnub, wieġibha Ġorġ bi tbissima... inbagħad mita għandhom majjistra bħalek...

Karolin għajnejha ma qelgħethomx minn wiċċ oħtha u Ġorġ u b'fomm daħqani qabżet fin-nofs u qalet: "Urih il-kotba li għandek, Stefanja...fejn taf x'għandha...

—"Tidher, tidher...

Imma Karolin ma baqgħetx bix-xewqa li ma turix ukoll lil oħtha l-ġmiel ta' drapp tal-libsa ta' Ġorġ u biex ma tinsiex dlonk ġibditha makkif dawret daqxejn waħda wiċċha u sefsfitilha: "X'jidhirlek, Stefanja, mid-drapp tal-libsa tas-sinjur?—Għidt lil Ġann-Karl jaqta' waħda bħalha... issa li ġejja il-festa...

U fil-waqt li Stefanja mingħajr ma tat ebda widen għall-kliem ta' oħtha beqgħet sejra tredden qoddiem is-sur Ġorġ, dehret ħin bla waqt fil-bieb tal-kamra, qisha tilfet it-trîq, daqxejn ta' għabura tgħajjat: mmbè mmbè: "Ih! ħarġet il-gidja... ħallew il-bieb tal-ġnien miftuħ"—dlonk għajtet Karolin... "żgur dak is-sabi ta' tifel..."

Katrîn, il-qaddejja, li kienet marret tiftaħ il-bieb ta' barra għax ġie t-tifel tal-forn bix-xiwi kienet ħalliet il-bieb tal-ġnien miftuħ urajha... "Tzà 'l hinn... tzà 'l hinn..." u dik dejjem tgħajjat sa kemm il-leħen tagħha ngħalaq mat-tisbita tar-rixtellu... It-tifel, wiċċu kollu ħamrija u bil-qmis, deher f'daqqa waħda f'nofs dik il-laqgħa kollha fil-waqt li mal-aħħar għajta tal-gidja Stefanja bi ktieb miftuħ li ġiebet minn kexxun kienet qiegħda ssamma' b'leħen qawwi u għoli biċċa mill-Metastasio u tgħid l-aħħar versi

*...tutta l'ira del ciel sul capo mio,*
*ma Roma illesa... Ah qui si piange! Addio.*

"Qtilnieh iz-zizu l-agħma... il-mamma le riedet toqtlu u bdiet tgħajjat; imma t-tata qatagħlu rasu u Ketrîn ħaditu il-forn"—iddeffes igħajjat it-tifel bi tlaqliqa u jħares u jgħajjeb lil Ġorġ. "Hux int in-nunu li ġejt tiekol iz-zizu?"...

"Pastas!" infexxet f'dagħdigħa iz-zija Stefanja u bil-Metastasio magħluq bejn is-swaba' ta' l-id tatu waħda fuq wiċċu u t-tifel mar inewwaħ f'rokna. Karolin inkisret u ħmaret u Ġann-Karl għamel ta' bir-ruħu li ma samax, imma inbagħad b'nofs tbissima ta' mogħdrija, dar fuq Ġorġ u qallu: "Tfal!"

*(Tissokta u tagħlaq)* A. C.

# IL-KOKKA U L-BIES

Darba l-Bies mal-Kokka ltaqa';
qallha: "fejn int sejra xbint?"
—se' nqil (1) hawn għax dalwaqt jisbaħ"
qaltlu "ss'għid fejn sejjer int."

"Jien se' mmur indur" weġibha
"ma da' n-nħawi, ma tafx kif...
nara nsibx xi tajr għal snieni,
taf li jien tajra tal-ħtif..."

"Sejjer? stenn!... ħa' ngħidlek kelma:
mur bis-sliema, u mitt elf ġid,
jalla jilħqek, taqbad xteqtek
tajr bir-rfus, minn koll ma trid;

biss nitolbok, bħala xbejjen
lil uliedi ma tmisshomx;"
"Għidli, xbint, liem'huma wliedek
għax af sew ma nagħrafhomx..."

"It-tfal tiegħi, xejn titfixkel,
int tagħrafhom: l-isbaħ tajr!
issa x'ngħidlek?"—"Xejn!" weġibha,
waqt li hekk radditlu l-ħajr.

Ried ta' raġel joħroġ magħha:
qal: "tajr ikrah jew sabiħ
kollu kun, (2) la kollu laħam,
basta żaqqi nimla bih;

għalhekk huwa dar għall-ikreh
li daqs l-isbaħ sabu bnin;
kiel u ntela, mar fejn xbintu;
din xammitu : qaltlu : "Xbin !

"Haw" qallh' "aħna ssa mlejnieha,
issa ġejt nistrih ftit ħdejk."
"Phu! ma kontx nistenna minnek
x'mort għamiltli, xbin, b'idejk !

inti qtiltli lil uliedi ! "
"Lil uliedek?!" qallha "x'għidt?"
"Inti qtiltli lil uliedi!
li tbarrihom lili w'għedt ! "

"Afli, xbint, jien naħlifulek :
kieku fihom kien elf ħajr,
ma kont qatt jien nikser kelmti;
jien għamilt għall-ikreh tajr!"

"Dawk li qbadt u kilt uliedi ! "
Wieġeb huwa minnufih
"jiena l-ikreh tajr dawk rajthom;
int ma għedtx li wliedek sbieħ ?

"Jien mn-uliedi isbaħ ma nara"
wieġbet hi; u hu malajr
fiha ġie li qawl igħallem :
"B'rixu biss jifrah kull tajr !"

V. M. B.

(1) nqil = noqgħod nistriħ. Il-għerq hu qjiel — li hu l-egħmil ewlieni u jfisser qàgħad qgħàd, qagħad qiegħed, qagħad jistriħ ; Ara : "Xi-n-hu jagħmel dil-ħabta Toni ?— jqil (qiegħed ma jagħmel xejn) — Tini sitta j'omm!—Hawn, dalwaqt; tqil (qegħda s-sitta; qegħda: lesta għalik ; mill-egħmil ewlieni joħroġ l-egħmil imnissel qajjel-jqajjel = daħħal jistrieħ, daħħal jistrieħu, daħħal ġe' maqjel l-iktar innagħaġ għar-rwieħ fis-sajf.

(2) kollu kun = kollu wieħed. L-iktar li għadhom igħiduha r-Rabtin.

# SINTASSI MALTIJA

## TAQBIL TAL-VERB MAL-ISEM.

**1**. L-isem (bħala suġġett) iktarx imur qabel il-verb. Eż: *Toni qafel il-bieb. Iż-żiemel għotor.* Jiġi li jimxi mal-għada tal-ilsna semin u jitqiegħed qabel. Eż: *Żied il-Mulej tkellem ma' Aħaż. Qal Alla lil Abrâm.*

**2**. (a) Il-verb għandu jaqbel mas-suġġett fil-*ġens*, fil-*persuna* u fil-*għadd*. Eż: *Pietru darab lil ħuh. Jiena bqajt waħdi. Il-ħaddiema waqfu mix-xogħol. It-tifla marret fil-għalqa.*

(b) Mita l-ismijiet (bħala suġġetti) ikunu iżjed minn wieħed, għad li kull wieħed huwa fil-għadd waħdieni, il-verb jitfisser fil-plural. Eż: *Inti u ħuk qbadtu trieq ħażina.*

(c) Mita flok il-konġuzjoni *u* tidħol *jew* bejn ismijiet fis-singular, il-verb jista' jitfisser fil-plural. Eż: *Jien jew inti għandna noqogħdu nistennewh.* Jew jingħâd hekk. *Jew noqgħod nistennieh jien jew inti.* Jew jitfisser bis-singular hekk: *Jiena jew inti, wieħed minnha jistennieh.*

(d) Mita s-suġġett ikun iżjed minn wieħed, mhux ta' l-istess persuna, il-verb jitqiegħed fil-plural fl-ewwel persuna jekk fosthom ikun hemm l-ewwel persuna. Eż: *Jiena, inti u ħuk morna Għawdex;* fit-tieni persuna jekk fosthom ikun hemm it-tieni persuna, barra minn ta' l-ewwel. Eż: *Inti u ħuk ħriġtu;* u fit-tielet persuna jekk kollha fit-tielet. Eż: *Ġamri, hi u huwa telqu flimkien.*

(e) Mita l-ismijiet jew is-suġġetti jkunu fil-għadd imkattar *(plural)* il-verb ġie li jitqiegħed fil-għadd waħdieni *(singular)*, fit-tielet persuna, ġens mara *(femminil)*. Dak li għedna għall-ismijiet (nomi) igħodd ukoll għall-aġġettivi u pronomi. Eż: *Il-għonja, il-kbarat, il-foqra u l-baxxi kollha tiħtieġ wieħed lil ieħor. L-irġiel kollha nġabret fuq il-misraħ. Iċ-ċrieket tad-deheb inbiegħet b'xejn. Xi wħud minnhom marret il-knisja.*

(f) Mita s-suġġett huwa isem kollettiv *(għadd il-ġmigħ)*, isem plural femminil jew imżewweġ, il-verb jista' jitqiegħed fis-singular femminil. Eż: *In-nies kienet tissamma'. Il-bhejjem tira' fil-għalqa. Għajnejn Toni marret fuku.* L-aġġettiv jew partiċipju jimxi bħall-verb. Eż: *Hawn bosta nies qiegħda.*

*It-tfal ta' sittax-il-sena għadha bil-kliezet qosra.* Jiġi li l-verb jitqabbel fil-għadd, u l-aġġettiv jew partiċipju jmorru fis-singular femminil. Eż : *Il-ħwienet għadhom magħluqa.*

(g) Mita l-isem jieħu ż-żjieda *in* tal-plural sħiħ, il-verb iktarx jitqabbel miegħu fil-għadd, u fil-ġens. Eż: *L-imgħallmin kienu tas-sengħa.* Imma nbagħad ngħidu wkoll : *Il-kenniesa refgħet mix-xogħol* jew *refgħu mix-xogħol.*

(h) Mita jkunu iżjed minn suġġett wieħed, il-verb li jitqiegħed qbilhom iktarx jitqabbel fil-għadd u fil-ġens mal-ewwel wieħed : *Daħlet id-dar il-mara u r-raġel tagħha.*

## IR-RABTIET U S-SURA TAL-VERBI.

1. Il-verb jista' jkun qiegħed għalih in-nifsu mingħajr ebda rabta ta' verb ieħor jew partiċella. Eż : *Jiena niekol. Huwa jaqra. Inti tidħak.*

2. Jista' jkollu wrajh verb ieħor marbut miegħu. Eż : *Xtaqt nixrob. Qagħdu jieklu. Sejjer norqod.*

3. Jista' jkun marbut jew jagħmel minn partiċella li tkun quddiemu : *Jekk, għad illi, għaliex, billi, kieku,* eċċ. Eż : *Jekk tmur tilgħab. Għad li ġejtu wħudkom. Għaliex torqdu kmieni. Billi taqra. Kieku tistad.*

4. Jista' jkollu verb ieħor urajh u dan icollu qablu partiċella li taħkmu. Eż : *Nixtieq niġi. Toni jixtieq* LI *inti tiġi għandna.*

(a) It-tieni verb li jkun maħkum mill-ewwel wieħed iwieġeb għall-verb taljan jew ingliż fl-Infinit. Fil-malti dan il-verb jitqiegħed fl-Aorist jew fil-Passât (Indikativ skond iż-żmien li fih irridu nfissru l-egħmil u jitqabbel mal-ewwel verb fil-ġens, għadd u persuna. Eż : *Huwa jrid imur.* (he wants TO GO; egli vuole ANDARE) *Hija xtaqet tiġi. Xmun niżel igħidlu. Jiena ġejt rajtek. Huwa xtaq mar.*

(b) Jekk it-tieni verb jew xi ieħor urajh ifiisser il-egħmil ta' persuna OĦRA li mhix tal-ewwel verb dan it-tieni verb, jew xi ieħor urajh, jintrabat u jitqabbel fil-ġens, fil-għadd u fil-persuna ma' dil-persuna jew ħaġa msejħa mill-ewwel verb. Eż : *Ridtu jmur. Xtaqtu jaqbad inaddaflu ħwejġu.*

(c) Mita l-verbi jkunu tlieta wara xulxin, għalkemm l-ewwel wieħed jew l-ewwel tnejn ikunu fit-temp *passât*, it-tielet imur iktarx fl-Aorist jew temp Present-futur jew fil-passât tal-Indikativ skond iż-żmien li rridu nfissru l-egħmil. Eż: *Xtaq imur jilgħab. Xtaq mar jilgħab* jew *xtaq mar lagħab.* Imma inbagħad, skond ma għedna fil-paragrafu (b) ta' qabel, il-verbi jew verb jintrabtu u jitqabblu ma' dik il-persuna l-oħra msejħa mill-verb ta' qbilhom. Eż: *Ridtu jmur igħidlu. Marret tgħidlu jiġi.*

(d) Mita l-ewwel jew it-tieni verb ikollhom qbilhom partiċella bħal fil-qwiel: 1) JEKK *tmur tgħidlu jiġi.* GHAD LI *riduk tinżel issejħilhom.* KIEKU *qbiżt ghidtlu joħroġ* eċċ. (2). *Kaw* LI *inti tista' tgħinhom. Li stajt* KIEKU *mort rajtha dil-logħba.* (Ara paragrafi. 3. u 4.), l-ewwel verb imur fl-Aorist (present-futur) jew fil-passât tal-Indic: u, mita bil-partiċella qablu, ikollu t-tifsir tas-soġġuntiv Taljan jew Ingliż. It-tieni verb jimxi kif fissirna qabel u jekk ikollu partiċella qablu, iwieġeb għal kondizzjonal Taljan jew Ingliż, waqt li t-tielet verb jitqabbel dejjem mal-persuna jew ħaġa msejħa mill-verb ta' qablu.

**5.** Dawk il-verbi li jfissru *xewka* (desiderio), *rieda* (volere) *talb* (preghiera) *femha* (opinione, giudizio) u *ħsieb* (pensiero) iktarx jinħtieġu illi l-verb li jintrabat magħhom ikollu qablu l-partiċella *illi* jew *li* bit-tifsir tas-suġġuntiv għalkemm fis-sura tal-Indikativ. Eż: *Nixtieq li tgħidli ismu. Nifhem li huwa sejjer żball. Naħseb li għandu raġun.* Imma nbagħad ġie li jmur mingħajr dawn il-partiċelli. Eż: *Irridek tmur.*

**6.** Fil-Malti l-verb *kien, ikun* (essere, to be) mgħandux sura li tfisser il-present, imma l-passât u l-futur biss: *kien, ikun,* jew biex niftiehmu aħjar is-sura tal-Aorist *ikun* tfisser il-futur biss. Għalhekk biex jitfisser it-temp present ninqdew bil-*pronomi personali* bit-tifsir ta' verb. Eż: *Int min int* (sei)? *Jiena hu* (sono) *dak il-bniedem li kont ktibtlek.*

Wara aġġettiv-predikat dan il-pronom, bħala verb, jibqa' miftiehem. Eż: *Il-ful xieref*, fejn *xieref*, bla artiklu qablu, għandu miftiehem il-pronom *hu* (è, is). Minn hekk naraw illi fl-eżempju: *Il-Gżira ż-żgħira* ma hemm ebda pronom bit-tifsir tal-verb *kien* (essere, to be) bħal fil-qawl: *Malta żgħira.*

**7.** Għalkemm Vassalli ma sabx li hu hekk, fil-Malti, bħal f'ilsna oħra ta' nisel semi, ġie li l-verb jieħu s-sura ta' temp flok ieħor, ingħidu aħna: (a) Passât flok Present (b) jew Infi-

nitiv. (c) Present flok passât, (d) Partiċipju present flok present tal-Indikativ (e) Imperativ flok Present. Eż: (a) *Jekk il-marda laħqet* (flok *tilħaq*) *daħlet* (flok *tidħol*) *ma teqridhiex bilġri. Għasfur li daħal* (flok *li jidħol*) *fix-xibka għandu qawwi sakemm joħroġ.* (b) *Sħaqt fl-ilma* (flok *qiegħed tisħaq fl-ilma* jew *tisħîq fl-ilma*). (c) *U tmut* (flok *mietet*) *Saragħ f'Belt Arbagħ li hu Hebron.* (d). *Ġej u sejjer* (flok *jiġi u jmur*) (e) *Qisu ġgant. Donnu sebaħ. Għoddu raqad.*

## PRESENT, FUTUR, PARTIĊIPJU.

**1.** Il-verbi maltin, u l-iktar it-transitivi, għandhom is-sura tal-present li tfisser ukoll il-futur. Eż: *Din il-għalqa nagħżaqha. Huwa jaħbat għalih. Huma jitkellmu.* Biex inbagħad ifissru l-present sewwa, dawn il-verbi jinqdew bl-awżiljarju *qiegħed.* Eż: *Din l-għalqa qiegħed nagħżaqha. Huwa qiegħed jaħbat għalih. Huma qegħdin jitkellmu.*

**2.** Il-verbi intransitivi-neutri għandhom is-sura tal-present li qiegħda biex tfisser ukoll il-futur. Eż: *Jiena nimxi. Huwa jmur. Aħna norqdu.* Imma nbagħad biex ifissru l-present sewwa jew il-egħmil tal-waqt li s-suġġett ikun fih jew f'ħin li għadu miexi jew għaddej, dawn il-verbi jinqdew bl-awżiljarju *qiegħed* jew bil-partiċipju present tal-istess verb. Ez: *Jiena qiegħed immur. Jiena sejjer. Jiena qiegħed norqod. Jiena rieqed.* Is-suriet *niecol, nimxi,* eċċ., jissejħu għalhekk *suriet tat-temp imperfett.*

*Qiegħed* qabel verb fit-*temp imperfett* jati t-tifsir ta' partiċipju present u dan ta' *present indefinit.* Eż: *Qiegħed nixrob. Qiegħed jinża'* eċċ.

In-noqqas ta' taqbil fit-tifsir ta' bejn *qiegħed jinżel* u il-partiċipju present *nieżel* huwa dan: l-ewwel qawl ifisser egħmil ta' drawwa u t-tieni, il-egħmil tal-ħin li s-suġġett hu fih. (present). Eż: *Qiegħed jinżel kull-jum. Dal-ħin nieżel.*

A. C.

# IL-MITĦNA TAR-RIĦ

Taf għax ħsibt fil-mitħna tar-riħ? għax dawn għoddhom spiċċaw minn dawn il-gżejjer, u ftit snin oħra ħadd ma jkun jista' jaf xejn fuqhom. Dari fuq kull għolja, qrib kull raħal, tara l-mitħna ddur ferħana malli jonfoħ ir-riħ, il-qlugħ minxura donnhom twavel, sitt dirgħajn ta' ġgant miftuħa biex idawru l-ħaġra samma li tfarrak u tehres il-qamħ u tagħmlu dqiq għal ħobżna ta' kull jum. Tgħaddi minn taħtha titwaħħax tisma' ir-riħ ivenven fil-qala'. Tal-mitħna kien joħroġ fuq il-bejt u jdoqq il-*bronja* biex min għandu it-tgħam iġibu u dlonk, waħda wara l-oħra, kont tilmaħ in-nisa ta' darhom resqin biċ-ċurniena mimlija fuq rashom biex ikunu minn tal-ewwel għat-taħna. U l-lum? Ma nafx bakax tnejn minn dawn l-imtieħen jaħdmu ! X'uħud għabu għall kollox, żarmawhom, ħattewhom u ma baqax ħlief isimhom.

Niftakar fiż-żewġ imtieħen tal-Belt, ma niftakarhomx jaħdmu, imma l-bini niftakru għal żmien, kienu joqogħdu in-nies fihom.

Ir-Rabat biss kien hemm ħamest imtieħen : 1) Ta' Ħall-Bajjada, 2) Ta' Palajsa, 3) Ta' Għeriexem, 4) taċ-Ċogħqi, 5) Ta' Ħad-Dingli. mhux bogħod mill pompa tal-ilma. Il-lum ma hemmx waħda taħdem ! Kollha żarmati, ma fadalx ħlief il-bini tad-dar u forsi l-koppla, donnohm ħwejjeġ minsija, imwarrba, mitluqa barra bħal ħaġa mejta, mormija, wara li kienu l-għaxqa tar-raħal; l-ewwel il-knisja mbagħad il-mitħna.

Mort nara l-mitħna ta' Ħall-Bajjada, dak li baqa' minnha. Bini ta' żmien il-Kavalieri għax fuq il-bieb hemm arma tal-ħaġar minquxa, imma biż-żmien ittieklet u ma tistax taqbad ta' min kienet.

Titla' erba' u għoxrin tarġa u tasal fuq il-bejt fejn jibda il-bini tal-mitħna, għoli mas-seba' u għoxrin filata.

Tidħol fit-tromba, bini mdawwar, wasa xi disa' piedi; minn isfel jaqbad garagor ta' erba' u għoxrin tarġa. Wara erbatax-il-tarġa tilħaq raf, fejn jinżammu u jimtlew l-ixkejjer u ċ-ċrienen tad-dqiq. Minn dar-raf titla' għaxar tarġiet oħra u tilħaq ir-raf fejn iddur il-ħaġra tat-tħin.

*L-antinni* huma d-dirgħajn tal-mitħna fuqhiex jintrama il-qlugħ *tar-raddiena*. Il-lum aktarx issibhom mixħutin fuq il-bejt. Is-sitt *antinni* twal tmienja u għoxrin pied, magħ-

mulin bħal gradilja, maqsuma b'lasta fin-nofs u erbatax il-lasta mal-ġenb, imsejħa *gradiljoli*. Fuqhom jiutrabat il-qlugħ, tnejn kull antinna, wieħed kbir u l-ieħor żgħir imsejjaħ *kultellazz*. Dawn l-antinni, mita l-mitħna tkun armata, jeħlu fuq sitt *antinnoli* mwaħħlin dejjem mal-fus jew *arblu* li jmexxi l-ħaġra tat-tħin. Malli tasal fl-aħħar raf tilmaħ żewġ travi qawwija mirfuda minn ġenb għal ieħor imsejjħa *ġażi* li fuqhom jintasbu l-ħaġar, dik ta' taħt u dik li ddur fuqha; żewġ ħaġriet ta' toqol kbir għax ħoxnin u tal-qawwi. Il-ħaġra ta' taħt qiegħda u ma ddurx, għalhekk magħluqa ġewwa nforra tal-injam imsejjha *in-nasba*. Imħaffra fil-ġenb hemm toqba li minnha joħroġ id-dqiq mitħun, imsejjah il-*farinal*. Id-dqiq jinxeħet f'*kavetta* twila li tispiċċa bħal *lembut* li jinżel sa l-ewwel raf,fejn jista' iferragħ fi xkora li jħejju għal miegħu.

Il-ħaġra li ddur, fiha qawra ġmielha, iġġib minn xifer għal ieħor minn 5 sa 6 piedi. Għandha toqba fin-nofs mirfuda u misrura b'laqx taz-zokk tat-tin biex ma jisħonx, f'dit-toqba jeħel il-pern jew *seffud* jew *fus* tal-ħadid li fuqu ddur; biex ma tixxellifx, din tiġi ngastata ġewwa nforra tal-għuda (*id-dawr*) u marbuta b'ċirku tal-ħadid.

Mita tkun taħdem il-ħaġra ta' fuq, ma tkunx tmiss ma ta' taħt, għax kieku ma timxix, imma daqsxejn merfugħa minnha u r-raġel li jieħu ħsiebha għandu manwella quddiemu, igħidilha *ir-rimôna* li mita tingħafas l-ħaġra ta' fuq tintrafa'. U kemm hi minquxa ħelu din *ir-rimôna!* Kulħadd inaqqaxha gostih. Dik li rajt, tispiċċa b'ras ta' kelb u ma tulha kollu fiha tiżijn u żigużajgi u l-isfel minquxa żewġ ħutiet, "għax min għamilha", qal ir-raġel, "kien iħobb jistad il-ħut."

Mit-toqba tan-nofs, ma' ġenb fejn jeħel il-fus, jitferragħ il-qamħ minn *miżieb* li jitla' u jinżel, marbut b'rumnell ma *pern*, imsejjaħ *il-għasfur*, u ma' *delu* kbir li jinżamm dejjem mimli qamħ.

Biex il-ħaġra tista' ddur, il-fus jeħel min-naħa ta' fuq ma' ras tal-għuda ħoxna, donnha barmil, imsejjha *luqqata*, imħaffra mad-dawra kollha biex f'kull toqba tidħol sinna tar-rota l-kbira (*id-dawwara*) u tmexxiha. Din ir-rota l-kbira, jew dawwara, teħel ma' *l-arblu* li ġej minn barra mdawwar mir-raddiena tal-qlugħ.

Il-*luqqata* ddur, min-naħa ta' fuq, fuq pern li jidħol fi travu mimdud imsejjaħ *is-salib*, marbut sewwa fir-rjus biex ma jitħarrikx. Billi *il-luqqata*, kull mita jinħtieġ, trid tinqala', il-biċċa tas-salib fejn teħel tista' tinqala' wkoll. Din

igħidulha *it-trinċetta*, li biex fid-dawrien ma titħarrikx tiġi miżmuma mal-lasta li tasal sal-ħajt, imsejjħa *l-istiratur*. Biex taqla' l-luqqata trid l-ewwel tneħħi *l-istiratur*, u toħroġ il-barra t-*trinċetta*. L-*arblu* mwaħħal mad-*dawwara* bis-snien, min-naħa ta' barra għandu bċejjeċ ta' njam biex isaħħuħ (l-*inforra*) u min-naħa ta' wara jispiċċa f'pern oħxon lil-jdur ġewwa ras ta' travu mwaħħal mal-ħajt li jgħidulu is-*suffarell*.

Din hi l-magna kollha!

Billi r-riħ ma jonfoħx dejjem minn banda waħda, jinħtieġ li l-*antinni* jkunu dejjem għal għajn ir-riħ u għalhekk tal-mitħna dejjem moħħu lejn ir-riħ biex jiġi kemm jista' għal wiċċu.

Dan jista' jsir billi l-*arblu*, mwaħħal mal-*antinni*, jdur b'kollox mas-saqaf tal-mitħna li jgħidulha *kuppletta* jew *barjol* (*pirjol* qalli Ġanni.) Ara kif jista' jsir dan.

Is-saqaf tal-mitħna hu magħmul bħal kopp[illegible]a tal-injam infurrata tajjeb, iddur fuq ċirku tal-ħadid imqiegħed fuq il-bini il-fuq mit-travu tal-luqqata. Biex il-barjol idur ħafif, fixxaqq ta' bejnu u bejn iċ-ċirku tal-ħadid merfugħ fuq tmien pastażi, mad-dawra kollha u jinżamm midluk bix-xaħam. Ma' dwar il-qiegħ tal-*barjol* hemm rixtellu magħmul minn magħżel ħdejn l-ieħor. Dan hu l-*istringell*. Biex tista' ddawwar is-saqaf b'kollox, ir-raġel għandu fil-qabda *manwella* sħiħa li jekk idaħħalha bejn żewġ mgħażel tal-*istringell* u jagħfas fuq musmar oħxon (pern), imwaħħal iżjed l-isfel fil-bini sôd, is-saqaf iċiedi u jdur. Biex il-*barjol* ma jarġax lura għandu ħadida bis-snien bħal tal-arloġġ jew bċejjeċ tal-ktajjen li jintreħew mita jinħtieġ u hekk, għafsa wara l-oħra, il-*barjol* idur, kemm iridu tal-mitħna. Biex fl-istess ħin il-barjol ikun imrażżan, minn wara fejn joħroġ l-arblu, hemm żewġ ħadidiet għuda maħruġa l-barra, imsejjħa *fekruna* li magħha għandha marbuta żewġ ħbula mdendlin għal isfel b'żewġ ħaġriet tqal biex jagħmlu ta' *kuntrapis*. Wieħed jista' jara' hux kollox sewwa minn tieqa żgħira fil-*barjol* li jgħidulha *bukkaport*.

Ara kemm kellu x'jaħseb min jieħu ħsieb il-mitħna. Irid jara li d-delu dejjem mimli bil-qamħ u li l-miżieb qiegħed fejn imissu u jsawweb kemm hemm bżonn. Jara li l-ħaġra tat-tħin mhix għalja wisq u anqas baxxa iż-żejjed, idu fir-rimona. Malli jdur ir-riħ, jaħseb għal manwella u jġib ir-riħ quddiemu. Jekk irid iwaqqaf, jaħseb li jnaqqas il-qlugħ jew ineħħih għal kollox. Dan isir minn barra mita l-antinni

ma jkunux iduru. Biex iżomm malajr, iniżżel il-ħaġra mita jkollha l-qamħ taħtha, għax il-qamħ jorbot; mingħajr qamħ il-ħaġra tibqa' ddur. Xi tliet darbiet fis-sena l-ħaġra tal-mitħna tkun trid tinqala', tintrafa' fuq ġenbha u titnaqqax, għax bid-dawran fuq il-qamħ timlies u ma tibqax titħan sewwa. Ara x'sengħa jrid ikollu dak tal-mitħna biex jarfa' ħaġra bħal dik f'dak id-diq, għax fuq ir-raf kemm-kemm għandu fejn idur. Tassew li r-riħ igħinu, imma trid għajn tajba, ħila u għaqal biex toħroġ minn daqxejn xogħol bħal dik !

Wieħed jagħli mita jara ħwejjeġ bħal dawn jinqerdu, imma d-dinja sejra l-quddiem u l-lum b'magna żgħira u ftit pitrolju u bla tbatija ta' xejn jintaħan il-qamħ bla ma jistennew ir-riħ u bla ma jqanqlu ħaġar. Iżda jixraq illi uliedna jkunu jafu kif konna ninqdew mita ma kellniex magni tan-nar u tal-elettriku, għalhekk ħadt is-sabar niġbor il-fdal ta' l-imgħoddi.

T. Z.

# BĦAL SOKRATE!...

—Ara x-Xadina, ara x-Xadina. . .

Ix-Xadina waqaf u dar l-ura. Erba' jew ħamest itfal, imqatta' u maħmuġa, waqfu mit-tgħajir tagħhom u telqu jiġru beżgħana. Wara li tbiedgħu ftit, il-bogħod qawwielhom qalbhom u mill-ġdid bdew jgħajtu b'kemm kellhom saħħa :

—Ara x-Xadina, ara x-Xadina. . .

Ix-Xadina raha li magħhom ma sata' jagħmel xejn, ċaqlaq rasu, heżheż snienu, heddidhom bil-bastun (biċċa zokk ta' siġra) u, izappap, telaq għal xogħlu. Kieku qabadhom x'kien se' jagħmlilhom? Xejn! għax ix-Xadina kien iħobbhom it-tfal, kien iħobbhom daqs dawl għajnejh, kien iħobbhom l-aktar għax kien jaf li tfal minn tiegħu żgur qatt ma jkollu. Għax

ix-Xadina, kliem bejnietna, kien ikrah daqs ma' nafx x'kien, daqs xadina. Għall-ewwel li kien deher f'dak ir-raħal, mitluf qalb il-blat għeri u taħt dik il-qilla fax-xemx, it-tfal telqu jiġru mlikkma, in-nisa għamlu salib fuq żakkhom biex Alla jeħlishom minn xi għaġeb bħal dak, l-irġiel bil-kemm riedu jemmnu għajnejhom. Iżda mita raw li, fl-aħħar minn l-aħħar, hu kien bniedem bħal ħaddieħor, jiekol u jitkellem bħalhom, bdew iduru ma' dwaru biex jaqtgħu ftit il-kursità li kellhom fuqu.

—Gesù Marija, qalet waħda, dak x'ikun?

—Dak mnejn ġiè?

—Dak bniedem?

U billi x-Xadina għall-mistoqsijiet li kienu jagħmlulu qatt ma' kien iwieġeb u la qatt qalilhom minn fejn ġie u l-anqas x'jismu, bdew jaraw u jiftiehmu bejniethom kif jaqbdu jsejħulu. B'isem ta' bniedem lè, għax (kif qalulhom l-iżjed xjuħ għaqlija tar-raħal) issa li għandhom bżonn ta' l-ilma biex jiżirgħu l-patata, ma' jmurx xi Kaddis jieħu għalih, jiftiehem ma' San Bartilmew u jżommilhom ix-xita. Ma jiftakrux, seba' snin ilu, mita Peppu ta' Kejla kien ġibed waħda ħoxna, l-anqas qatra xita biss ma kienet għamlet u l-patata u l-miżirgħa l-oħra kienet kollha nixfet? U ħmistax il-sena ilu? U sitta u erbgħin sena ilu...? U lè, lè, mal-Kaddisin m'hemmx logħob, dawk jistgħu kollox. Allura x'jaqbdu jsejħulu? Ħmar? Kelb? Bagħal? Imma dawk ma kenux koroh daqsu u mbagħad dawk l-annimali x'tort kellhom jekk dan inzerta ikrah biex issejjaħlu b'isimhom? Ħadd ma' saqsa x'tort kellu x-Xadina li nzerta hekk! Fl-aħħar, wieħed li kien għadu kemm ġie minn l-Amerki, qallhom li hu kien ra annimal ikrah bħalu: ix-Xadina Kif tkun? Imnieħer imfattar, ħalq kbir, għajnejn żgħar, ras kbira... Mela bħal dak li ġiè! għajjat kullħadd u minn dak in-nhar il-quddiem għammduh mill-ġdid u sejħulu "ix-Xadina".

Ix-Xadina kien jaf li tfal minn tiegħu ma' jistax ikollu għax min kienet dik il-mara li f'żgħożitu kienet sejra tieħdu b'dik il-kruha kollha. U issa kien xiħ, tfal żgur qatt ma jkollu! X'ħin kien jaħseb hekk, kien iħoss qalbu tingħafas, kien iħoss ġismu jitriegħed, għajnejh idemmgħu u kien imur jistaħba x'imkien u jibda jibki bħal tarbija. Imbagħad kien iħoss qalbu timtela bil-mibegħda, mibegħda lejn ommu u missieru li ma' kienx jaf, mibegħda lejn in-nies kollha li kienu jiddieħku bih, mibegħda lejn kull minn kien jara' quddiemu. Hu kien jaf li kien ikrah, b'dik is-sieq iqsar mill-oħra, b'dak il-ġisem qsajjar u niexef, b'dik ir-ras kbira kbira

u tonda biex tpatti għaċ-ċokon ta' ġismu: u hu kien irid jaf il-għaliex kien magħmul, il-għaliex ma kienx bħall-bnedmin l-oħra.

Għax ix-Xadina ġo dik il-kruha ta' ras, kellu moħħ tajjeb, moħħ li jaf jifli u jagħżel bejn ħaġa' u oħra, moħħ li jaf igħarbel kull ma' jaqra u kull ma' jisma u jżomm dak biss li kien jogħġbu. Għal kull ħaġa li kien jisma, għal kull ħaġa li kien jaqra, kien idaħħal il-għaliex tiegħu u kemm il-darba din ma' kenitx iżżomm tagħha quddiem ir-raġunament tiegħu kien imaqdarha u jibgħatha tilħaq lil tant ħwejjeġ oħra li kienet messithom l-istess xorti. Il-gost tax-Xadina kien dak li jirraġuna, jirraġuna, jirraġuna, tajjeb jew ħażin, fuq kullħadd u fuq kollox, iġib fix-xejn bi kliemu dak li kullħadd kien iżomm bħala ħaġa tajba u minnha, joħloq ma' dwaru l-aktar ħwejjeġ ċari u żguri bħal dinja ta' ċpar u jwaqqagħhom mill-għoli li kienu fihom. Għax ix-Xadina, għalkemm ma' damx l-iskola aktar minn sebgħa snin, kien ta ruħu u ġismu għall-filosofija. L-elementi tagħha tgħallimhom bħala xejn, stħajjilhom logħob ta' tfal bil-*maggiore* u bil-*minore* tiela' u nieżel u ħafna kliem ieħor li ħlief l-isem ma' kellhomx tqil u kien għoddu beda jitlef l-istima u l-imħabba li kienet ġietu għall-filosofija bla ma huwa stess ma kien jaf kif u għaliex; imma meta beda jaqra kotba sħaħ bla ma jifhem kelma, mita kien joqgħod jaqleb folja wara folja biex jistad xi kelma ftit anqas ġdida u tqila għalih mill-oħra, mita kien joqgħod igħajjat l-ismijiet tal-filosfi kbar biex jismagħhom jidwu ġo widintu, Kant, Hoegel, Spencer, Nietzche eċċ. kien iħoss ġo ruħu ċertu gost li qatt ma kien ħassu, ċerta ħlewwa ta' qalb li kienet tfarraġlu d-dwejjaq li kien ikollu. Imma aqra u ġib min jaqra, agħfas il-lum u agħfas għada, fl-aħħar beda jifhem xi ftit dak li riedu jgħidu dawk in-nies kbar, beda jara ċ-ċpar li kellu quddiem għajnejh jiċċara bil-mod il-mod u jitbiegħed, beda jħoss li issa hu xi ħaġa akbar minn qabel. Mhux hekk biss, imma issa wkoll beda jieħu xi ftit tal-kunfidenza magħhom, issa jati raġun lill-Hoegel, issa jgħid li ma jaqbilx f'kollox ma' Kant, issa ħaġa u issa oħra. Ma' tul ħajtu kollha, sittin sena tbatija u dwejjaq, ma kienx iltaqa' ma' bniedem wieħed biss li kien farraġlu qalbu tant anqas li ried ikun ħabibu; riedu jkunu dawn, Kant, Haegel, Spencer eċċ. biex qabel ma' jmut ikun sab xi ħadd li messlu qalbu bil-ħlewwa ta' kliemu.

U x-Xadina, daqxejn ta' xwejjaħ irqiq irqiq, b'dik ir-ras kollha fuq għonqu u jfekren l-hawn u l-hemm bil-bastun quddiemu, tistennieh minn mument għal ieħor jinħall taħt

dik ix-xemx ta' nofs inhar, baqa' sejjer għal trîqtu, daqxejn ta' trîq qalb l-egħlieqi, kollu ħosbien u miġbur fih in-nifsu. Tassew! imkien ma kien sab ħalib li qatt farraġlu qalbu f'dak in-niket ta' ħajja bla fejda, imkien. Dawn riedu jkunu biex bħal xaqq ta' dawl ifeġġ fuqu, biex irabbi ftit tal-ħila u jgħaddi l-erbgħat ijiem li fadallu ħieni. Dnub li qatt ma kien rahom, li ma kienx jafhom. Kemm kieku kien jagħfsilhom idejhom, kemm kien jiżżiħajr lilhom talli kienu tawh tant sigħat ta' hena, kemm kien ixarrbilhom... iva, ixarrbilhom idejhom bid-dmugħ ta' ferħ li kien jinżillu minn għajnejh u b'liema ħrara kien iressaqhomlhom bejn xofftejh u jbushomlhom... U x-Xadina, bla ma' jinduna, kien iressaq ras ilbastun lejn xofftejh u jbusha bl-istess ħrara li biha, kieku seta', kien ibus idejn wieħed minn dawk il-filosfi. X'ħin kien jinduna bl-iżball, kien jitbissem, iċaqlaq rasu u jagħder lilu in-nifsu... u min jaf kif kienu? Aristotele, Platone, Hoegel, Kant, eċċ.? Tgħid xjuħ bħalu? Lè, lè, kif seta' jkun, nies bħal dawk! Għalih, biex tkun filosfu kbir, trid tkun għaref, u jkollok ġisem sabiħ tkun maħbub minn kullħadd u ħafna ħwejjeġ oħra li hu ma' kellux. Imma mita qara Diogene, x'kien u x'ma' kienx, ħass xi ħaġa ġdida ġo fih, xi ħaġa li anqas hu stess ma sata' jgħid x'inhija, bħal ferħ kbir, bħal ħbiberija kbira lejn dak l-imsejken ta' Diogene li bħalu kien ikrah, bħalu kien imdawwar bil-mibegħda, ħass imħabba kbira lejh għax urieh li wkoll jekk tkun bħal ma' kien hu kont tista' issir filosfu. U ferħan b'dan li kien sab, li hu wkoll seta' jsir filosfu, beda jaħseb u jirraġuna fuq kullħadd u fuq kollox, jiddeffes kullimkien u jikser bir-raġunamenti tiegħu ras in-nies. L-akbar ferħ tax-Xadina kien li joqgħod iġib quddiem għajnejh dak ix-xwejjaħ ta' Diogene, milwi tnejn, oħxon oħxon, b'wiċċ maħruq mix-xemx, b'għajnejh. . iva b'għajnu x-xellugija awtonoma, tħares il-fejn trid bla ma qatt tobdi lilu. Hu ma kienx jaf jekk Diogene kienx tas-sew hekk, dik kienet ħaġa żgħira għalih; dak li kien igħodd kien li kuddiem għajnejh Diogene kien dejjem jidher hekk, milwi tnejn, oħxon oħxon, b'wiċċ maħruq mix-xemx, b'għajnu x-xellugija werċa jew biex Diogene ma' jeħux għalih kien isejħilha awtonoma. Ċertament, dik l-awtonomija ta' għajn Diogene kienet ta' importanza kbira għalih għax mill-fattizzi tiegħu kollha dik l-aktar li kienet għamlet impressjoni fuqu, kulltant kien jaħseb minn jaf x'kien sar ġo ras Diogene biex dik il-għajn ħadet l-awtonomija, isir tant qtil issoltu biex jieħduha!... U, kollu ferħan, ix-Xadina kompla miexi, jagħder biċ-ċaqliq ta' rasu u b'daqsxejn ta' tbissima, dawk id-difetti li kien jara Diogene imżejjen bihom!...

—Ma, ma, erfagħni, ġej ix-Xadina!

Ix-Xadina stenbaħ mill-ħsibijiet li kien fihom, refa' rasu, ħares kuddiemu u ra ġejja lejh mara mikula mix-xogħol u b'żaqq daqs qolla, b'qatta ħaxix fuq rasha u b'daqsxejn ta' tifla mdendla, f'idha. Xħin raha dik id-daqsxejn ta' tifla tibża' minnu u titrekken m'ommha u lemaħ lil din tagħmel salib fuq żaqqha, fuq dik iż-żaqq xhieda ta' tant kruha u tbatija, ħass għafsa ta' qalb kbira u xtâq isaqsihom x'qatt għamlilhom hu biex iġagħluh isofri dak kollu. Hu kien iħoss wisq xħin kien jara dawk it-tfal li tant iħobb jaħarbuh u jibżgħu minnu hekk, hu, li għalihom kien lest biex jati ħajtu! Quddiem it-tfal, Kant, Hoegel, Nietzche eċċ. ukoll Diogene, b'dik il-għajn awtonoma, kienu kollha jtiru mar-riħ! Iżda issa l-aktar li ħass għaliex dik it-tifla kienet ġibditu iżjed mill-oħrajn kollha, kienet qanqlitlu l-imħabba ta' missier li xtaq isir, kienet ġagħlitu, kemm-il-darba, jaqla' tgħajir minn għand in-nies, dejjem lesti biex jaħsbu ħażin, talli kien iħobb wisq jersaq lejha. Għax-Xadina, li għal kull ħaġa kien isaqsi għaliex, kienet umiljazzjoni kbira li ma jistax iwieġeb għaliex din it-tifla, imgerrxa mgerrxa u forsi agħar minn ħaddieħor, kienet qanqlet fih dak kollu. Għalxejn kien igħid li, fl-aħħar, dik it-tifla ma kenitx ħlief biċċa laħam u għadam, li la tikber ftit ieħor tkun l-ewwel waħda li tmur tiġri warajh tissuttah il-ġebel u tgħajru kemm tiflaħ, għalxejn. L-imħabba ta' missier li kien iħoss fih għal dik it-tifla kienet xi ħaġa li qatt ma kien ħass f'ħajtu, kienet il-ġamra tan-nar li kien għada ssaħħan dak id-demm kiesaħ miż-żmien u mit-tbatija. B'ħafna raġunamenti kien wasal biex igħid li t-tfal għandhom ikunu ta' min iħobbhom, li l-imħabba tati l-jedd li wieħed jieħu dak li jħobb, li t-tfal għandhom ikunu ta' kullħadd ukoll ta' dawk li qatt ma kellhom. Ma kienx jidher ċar li dik l-omm ma' kenitx tħobb lil bintha biex teħodha tiġġerra qalb l-egħlieqi f'dik ix-xemx ta' nofs in-nhar? Kieku taqbadha xemxata u tmur id-dinja l-oħra f'radda ta' salib, x'kien jagħmel hu? U jekk dik l-omm ma' kien jinpurtaha xejn minn bintha għax kien jista' jkollha oħra, ma' kellux hu jeħodha taħt idejh u jindukraha hu minflok ommha?

U fl-aħħar, it-tentazzjoni kienet qawwija wisq biex hu seta' jirresisti. Kien sejjer lejn id-dar, daqsxejn ta' għorfa mwarrba mir-raħal, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, u ltaqa' ma dik it-tifla tibki.

—Ċkejkna, x'għandna?... Tibki!... Xi ġralna? Mitlufa?!... Ah! Tibżax, tibżax binti, jien dejjem għedt li dik ma ħaqqiex tkun ommok, in-nisa maltin it-tfal jafu biss igibuhom fid-

dinja. Tibżâx, binti, tridx tmur man-nannu, trid, ruħi? Le?! Għaliex ? In-nannu itik iċ-ċejċa, ikun iħobbok ħafna aktar mill-mamma... Trid ? iva? imxi !...

U xħin dik id-daqsxejn ta' tifla mbeżża' mid-dlam rebħet il-biża' li kellha minnu u qaltu li trid tmur miegħu, ix-Xadina ħass ruħu jrid itir bil-ferħ, ħass lil qalbu tħabbat iżjed imgħaġġla mis-soltu, ħass li issa ħajtu għandu għalfejn jgħixha u l-mibegħda li kellu għall-oħrajn sfat fix-xejn u taret mar-riħ. Wasal id-dar, taha tiekol għamlilha daqsxejn ta' friex f'rokna, meddha torqod u hu qagħad bil-qiegħda ħdejn rasha imelsilha xuxitha u jgħannilha minn taħt l-ilsien biex għajnha tmur biha, qigħad imellsilha u jgħannilha bħal ma tant kien jixtieq li jagħmel lil uliedu li qatt ma kellu. U ħsiebu, waqt li hu kien hemm hekk, beda jdur ma' kullimkien kollu ferħan, kollu ħieni, għax issa x-xewqa ta' ħajtu kien laħaqha. Beda jara ruħu, 15-il-sena oħra, jixjieħ ferm milli kien, b'dik ir-ras dejjem kbira, tonda, iżewweġ lil dik it-tifla, li tkun xebba l-ġmiel tagħha, ma' l-isbaħ żgħażugħ tar-raħal. Ħames snin oħra u hu jkun bil-qiegħda fi ġnien fuq pultruna, ma' jkunx għadu jista' jimxi iżjed, it-tmenin sena li jkollu jkunu għamlu bih sewwa. Ikun q'ed jieħu nagħsa u jħoss min jiġbidlu mnieħru u jisma' bħal daħka miżmuma. Jiftaħ għajnejh u jilmaħ quddiemu daqsxejn ta' tifel, il-ġmiel tiegħu, li jinfexx jidħak u jixteħet f'ħoġru jgħajjat nannu... Nannu ? Oh! x'ferħ tisma' min igħajjatlek hekk... Inbagħad jara ġej ieħor, u ieħor, u ieħor... Santa ! Diġa' erbgħa ? Kemm għandu flus dak ir-raġel żagħżugħ u qawwi li hu kien taha lit-tifla li rabba ! Inbagħad iħoss min imisslu rasu, jerfa' għajnejh u jara l'wiċċ daħkani tagħha: Missier, trid inġiblek ftit brodu!... Missier ! U tisma' dan l-isem minn xebba hekk ħelwa!... Oh ! Dak ta' fuq m'hux kattiv bħal ma kien jaħsbu qabel biex jerfagħu għal xjuħitu dik il-hena kollha... Inbagħad beda jara tfal ġejjin minn kullimkien, tfal, tfal, tfal... Il-ġnien imtela', id-dar imtliet, ir-raħal imtela u kollha jgħajtu nannu...Nannu! nannu ! nannu !...

F'daqqa stenbaħ. Erba' taħbitiet qawwija lill-bieb qajmuh mill-ħolma li kien jagħmel; it-tifla kien għadha rieqda. Mesaħ għajnejh b'dahar idu, reġa' sama' t-taħbit u mar iħares mit-tieqa. Kien għadu q'ed jisbaħ. Taħtu, lemaħ qatta rġiel u nisa, min b'ħaġar u min b'imgħażqa f'idu, tħares lejh u biċ-ċiera u thedded u tgħajjat.

—Nannu, nannu, nannu, imissek int u tagħmel dan ?

—Ja wiċċ ta' moqżież !

—Tini l-binti.

—Ja wiċċ ta' hekk! Ja wiċċ ta' dan! Ja wiċċ ta' dak!— u kullħadd beda jżid mill-aħjar li seta'.

Ix-Xadina mill-ewwel fehem kollox. Daħal il-ġewwa, qabad it-tifla u wrihilhom mit-tieqa.

—Hawn arawha, għadha rieqda!

Malli lemħuha, l-agħjat, it-tisfir, it-tgħajir, it-theddid kiber. It-tifla stenbħet u bdiet tgħajjat u twerżaq kollha mbeżża'. Ix-Xadina sfar u triegħed: lemaħ ġejjin tliet pulizija mgħaġġla.

—Jien xiħ!

—Iftaħ! Hawn il-ġustizja!

Ix-Xadina ċaqlaq rashu: kienet ħaġa naturali li huma jaħsbu fih hekk, huma!... Mesaħ żewġ demgħat b'dahar idu, xeħet il-kappel qadim u maħmuġ kif ġie ġie f'rasu, f'idu il-waħda qabad il-bastun u fl-oħra id it-tifla u niżel jiftaħ.

Malli fetaħ il-bieb u tfaċċa fil-beraħ, bħal ragħda ta' agħjat dagħa, tisfir, tehdid qamet minn dik il-ġemgħa miġbura quddiemu. L-omm ħatfitlu t-tifla minn idejh u bdiet tbusha u tgħannaqha magħha, il-missier ried bil-fors jaħbat għalih. Ix-Xadina kien għoddu xjieħ għoxrin sena f'daqqa, baqa' jħares ċass bla ma jifhem dak li kien jisma' u bla ma jitniffes għal dawk l-insulti li bdew jagħmlulu, biss kulltant kien jidher iċaqlaq rasu u jgerger waħdu: Bħal Sokrate!... Bħal Sokrate!...

Il-pulizija poġġewh bejniethom biex ħadd ma jmissu u telqu bih, imdawra bin-nies li kull ma tmur bdiet iżjed tinġama'. U aktar ma n-nies bdiet tinġama', aktar it-tgħajir u t-tehdid beda jiżdied u issa xi mbuttatura u xi daqqa fuq rasu bdew inewlulu wkoll. Ix-Xadina ma kienx ikellimhom, min-nies bħal dawk ma kontx tistenna ħaġ'oħra, min-nies magħġuna fit-tajn ma satax joħroġ ħlief tajn ieħor. L-anqas kien għadu jogħbodhom iżjed, biex ħasbu dak fih u kienu qegħdin jagħmlulu hekk, lilu! bil-fors kienu l-koll imġienen.

—Bħal Sokrate!... Bħal Sokrate!...

**Ġużè Bonnici.**

# SERĦAN

O beraħ tax-xagħri li tgħaxxaq il-bniedem,
sbuħija tax-xtajta li tfarraġ il-qlub,
min jifhem dil-ħajja wil-ħlewwa li jġarrab,
fil-qiegħ tar-ruħ tiegħu kif jiġi midrub!

Midrub minn dil-qawwa tal-ħlewwa tal-hena,
li hawn biss tiġġarrab minn dan il-ħolqien,
li tiġri fejn tiġri qalb l-għaġeb tad-dinja,
sjufija tal-hena bħal din m'hemm imkien.

Jekk inti tkun doqtha xi drabi dil-ħlewwa,
xewqgħat bla ma jieqfu int tħoss ġewwa fik,
biex tgħix f'din il-ħajja ħafifa w-nadifa,
u teħles mit-toqol li d-dinja tgħabbik.

Tistħajlek qegħd timxi m'hux fl-art, iżda fl-arja,
u tħosshom jinxfulek il-ġwienaħ nedjin,
tistħajjel li ruħek trid tarfa' 'l dal-ġisem,
wit-tnejn għalanija jittajru ħenjin.

Mitluf f'din il-għaxqa fi dħul il-jum ħelu,
li għadu jitwieled fi ħdan it-tbexbix,
tad-dija tarija tax-xemx nofs moħbija,
imraxxa bin-nida sa fuq il-ħaxix.

Mat-tefgħa ta' riġlek minn għajr ma tintebaħ,
tkun tolqot is-sagħtar wil-plejju sabiħ,
w-erħilhom jagħmlulek bħal sħaba ma' dwarek,
ta' rwejjaħ ta' ħlejju jittajru mar-riħ.

Il-bilbla tilmaħħa mill-għoli tas-sema,
tgħannilek il-għanja li tħabbar is-sliem,
u tisma' l-għasafar w-is-sriep qegħ'd ipespsu,
u tara id-dwied l-oħra qegħ'd jirgħu bla kliem.

Fix-xagħri, fuq l-iġbla, f'widien jew fir-raba',
Ragħajja mimduda b'xi erba' ngħaġiet,
tmellislek xi nagħġa fissuda fi ħdanha,
u toqgħod tindokra n-ngħaġ l-oħra fis-skiet.

Fil-bogħod tisma' jidwi xi leħen ta' xbejba,
li turi l-ħsieb tagħha bil-għana sabiħ,
fil-waqt li tkun taħdem il-ħedma tas-saħħa,
għaddejja f'dil-ħajja li tati mistrieħ.

Daqqiet żagħżugħ tara f'xi trejqa ġor-raba',
għaddej qalb il-friefet b'żappun fuq spallejh,
isaffar il-għanja mal-leħen tax-xbejba,
mingħajr xejn ħsieb f'moħħu, jixdhulu ħaddejh.

U qalb dik il-ħdura ta' siġar li jsaħħru,
ma' ġenb xi nixxiegħa ta' l-ilma wisq bnin,
int' tilmaħ jixorbu xi ngħaġ u xi baqar,
imbgħad jinxteħtulek jixtarru w-reqdin.

Mal-ħlewwa taż-żiffa li titla' mix-xtajta,
titmewweġ il-ħdura jitbewwes il-ward,
b'kull lewn li jiżżewwaq ta' dehra li tgħaxxaq,
jagħmlulek bħal-lożor jinfirxu ma' l-art.

Imbgħad jekk int tersaq max-xtajta titlajja,
hemm tara l-mewġ ħelu jitbewwes mal-blat,
iressaq ir-riħa tal-ħxejjex u l-alka,
u jarġa' jmur lura bla xejn inkurlat.

U f'nofs dik it-trejqa li tifred il-baħar,
tad-dija bajdana li għada kemm tfiġġ,
tgħaddilek xi dgħajsa bil-qlugħ tas-sajjieda,
ħafifa, ħafifa tkun taqta' w-iżżiġġ.

Tixtieq kieku tiġbor il-ġmiel ta' da' l-ħlejjaq,
tixtieq kieku tara kull m'hemm ġo l-ilmiet,
u timraħ biex tferraħ lil qalbek xewqana,
u tinsa 'l-warrani kemm fih dlamijiet.

O beraħ tax-xagħri xtajtiet sbieħ tal-baħar,
ħalluni ngħix ħdejkom imqar għal ftit żmien,
jekk ngħaddi fi ħdankom il-jiem li bakagħli,
bil-ferħ ittir ruħi ma' ġmiel il-ħolqien.

P. M.

# KOTBA LI WASLULNA

CTIEB IL-GĦANA TA' DAVID ta' ALF. M. GALEA. Stampat fl-*Empire Press*. Jinbiegħ 1/6 għand G. Muscat u F. Sciortino. Il-Belt.

IZ-ZEŬĠ COTBA TAL-MAKKABIN ta' ALF. M. GALEA. Stamperija tas-Salezjani. Jinbiegħ 1/- għand G. Muscat u F. Sciortino. Il-Belt,

L-ANNALI TAL-PROPAGAZIONI TAL-FIDI *Empire Press*

IL-JUM 8 TA' SETTEMBRU—Chelmtejn lill-poplu miġbur ma' dwar il-Monument ta' kuddiem il-Korti, nhar il-Vittorja tal-1929 mgħajdudin minn MONS. CAN. DUN PAWL GAUCI u mictubin għal *Leħen is-Sewwa*. Stampat fl-*Empire Press*,

IL-MADONNA TAS-SAĦĦA U IL-KIMA LEJHA ta' L. VELLA. Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp. Jinbiegħ għand il-Patrijiet Conventwali.

IL-BIDWI Editur: C. ZAMMIT-MARMARA' F. R. H. S. Stamperija Giov. Muscat.

MELITA Ġurnal ta' cull xahar għat-tagħlim ta' l-Istenografija-Gregg Maltija u Ingliża u ta' Materji oħra — No. 4. — Direttur Geo. J. Ransley — Stamperija *Empire Press*.


**Direttur: Mons. Dun KARM PSAILA**

---

**Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6**

**Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.**